

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1146**tas-7 ta' Ġunju 2018**

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati u r-Regolament (KE) Nru 606/2009 li jistabbilixxi regoli ddettalja għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, l-Artikolu 182(1) u (4) u l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2) tiegħu

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 ⁽³⁾ li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati. Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ emenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnuna fis-settur tal-frott u l-ħaxix. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jirrifletti l-emendi għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (2) Ir-regoli ta' implimentazzjoni rigward l-assistenza finanzjarja nazzjonali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex għandhom jiġu aġġornati.
- (3) Dettalji għall-implimentazzjoni taż-żieda fil-limitu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni minn 50 % għal 60 % fi Stati Membri fejn organizzazzjonijiet tal-produtturi jikkummerċjalizzaw anqas minn 20 % tal-produzzjoni tal-frott u l-ħaxix msemmija fl-Artikolu 34(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u b'mod partikolari d-dettalji tal-kalkolu tal-grad tal-organizzazzjoni tal-produtturi fi Stat Membru għandhom jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-verifika tal-kundizzjonijiet għaż-żieda jiġu implimentati b'mod koerenti madwar l-Unjoni.
- (4) Għandu jiġi kkjarifikat ukoll li l-promozzjoni tal-prodotti bħala miżura ta' kriżi tinkludi d-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u l-ħaxix.
- (5) Id-dispożizzjonijiet relatati mar-rapporti annwali dwar l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, inklużi l-organizzazzjonijiet transnazzjonali, u gruppi produtturi, u dwar il-fondi operattivi, il-programmi operattivi u l-pjanijiet ta' rikonossiment għandhom jiġu ssimplifikati. Dawn ir-rapporti għandhom jippermettu lill-Kummissjoni timmonitorja s-settur b'mod adegwat.
- (6) Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dazji tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 182 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistgħu japplikaw għall-importazzjonijiet ta' ċertu frott u ħaxix għandhom jiġu kkjarifikati.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠUL 138, 25.5.2017, p. 57).⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠUL 350, 29.12.2017, p. 15).

- (7) Fejn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi timplimenta programm operattiv, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat il-finanzjament doppju, u li jitwettqu kontrolli xierqa għall-azzjonijiet implimentati fil-livell tal-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi kif ukoll fil-livell tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi membri tagħha, kif meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- (8) L-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 għandhom jiġu aġġornati biex jiġu simplifikati l-Parti A tar-Rapport Annwali tal-Istati Membri u l-indikaturi komuni tal-prestazzjoni, u biex jitneħħew l-indikaturi bażiċi komuni.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-Punt 3 tat-Taqsim A ta' Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri li jgħarrfu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda fil-limiti stabbiliti fil-punt 2 ta' dik it-taqsim. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 ⁽¹⁾ għandu jiġi emendat biex jipprovi għad-dettalji rigward is-sottomissjoni ta' din l-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.
- (11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess jum bħar-Regolament (UE) 2017/2393. Madanakollu, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rapportar għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019 biex l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jingħataw biżżejjed żmien biex jimplimentaw l-emendi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-flessibilità għal organizzazzjonijiet tal-produtturi ppreveduta mill-miżuri u l-azzjonijiet il-ġodda għandha tapplika miġjuba mid-dispożizzjonijiet tranżitorji li jenħtieġ li jiġu implimentati flimkien mar-retroattività sabiex jikkoinċidu mad-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2393 biex b'hekk l-applikazzjoni tal-emendi fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tiġi rrispettata.
- (12) Il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri u tal-azzjonijiet ġodda eliġibbli għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom japplikaw mid-data tal-applikazzjoni tal-emendi għal dak ir-Regolament introdotti mir-Regolament (UE) 2017/2393, sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-suq għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-membri tagħhom, b'mod partikolari minħabba li daww il-miżuri jikkonċernaw prinċipalment il-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-kriżijiet, u sabiex dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri ġodda b'mod sħiħ. Sabiex jitħarsu l-aspettattivi leġittimi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jagħżlu li jkomplu l-programmi operattivi tagħhom skont il-qafas legali applikabbli, jew li jimmodifikaw il-programmi operattivi tagħhom biex jibbenefikaw mill-miżuri u l-azzjonijiet ġodda eliġibbli għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 8bis il-ġdid li ġej huwa mdaħħal:

"Artikolu 8bis

Implimentazzjoni taż-żieda fil-limitu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni minn 50 % għal 60 %

1. Iż-żieda fil-limitu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni minn 50 % għal 60 % għal programm operattiv jew parti minn programm operattiv ta' organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta kif imsemmi fl-Artikolu 34(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tingħata jekk:

- (a) il-kundizzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 34(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jiġu ssodisfati f'kull sena ta' implimentazzjoni tal-programm operattiv u huma soġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2)(g) ta' dan ir-Regolament;
- (b) organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta tressaq talba meta tissottometti l-programm operattiv tagħha.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli (ĠUL 193 24.7.2009, p. 1).

2. Għall-finijiet taż-żieda fil-limitu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni minn 50 % għal 60 % għal programm operattiv jew parti minnu, ir-rata ta' kummerċjalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-frott u tal-ħaxix minn organizzazzjonijiet tal-produtturi msemmija fl-Artikolu 34(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tiġi kkalkulata kull sena kemm idum għaddej il-programm operattiv, bħala parti mill-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fi Stat Membru partikolari, tal-valur totali tal-produzzjoni tal-frott u tal-ħaxix ikkummerċjalizzata fl-Istat Membru partikolari għall-perjodu referenzjarju stabbilit fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891.

Madanakollu, Stati Membri li japplikaw il-metodu alternattiv stabbilit fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 għandhom jikkalkulaw ir-rata ta' kummerċjalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-frott u tal-ħaxix mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi msemmija fl-Artikolu 34(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 kull sena kemm idum għaddej il-programm operattiv, bħala parti mill-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fi Stat Membru partikolari, tal-valur totali tal-produzzjoni tal-frott u tal-ħaxix ikkummerċjalizzata fl-Istat Membru partikolari għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena li fiha tiġi approvata l-għajnuna skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-organizzazzjoni tal-produtturi li tagħmel it-talba bl-ammont approvat tal-għajnuna, inkluż l-ammont taż-żieda mogħtija skont l-Artikolu 34(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel l-implimentazzjoni tal-programm operattiv, kif stabbilit fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

4. Kull sena kemm idum għaddej il-programm operattiv, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għaż-żieda fil-limitu tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni minn 50 % għal 60 % kif imsemmija fl-Artikolu 34(3)(f) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huma ssodisfati.”;

(2) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu (1)(a) huwa emendat kif ġej:

“(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni inizjali, ibbażata, fejn ikun rilevanti, fuq l-indikaturi elenkati fit-Tabella 4.1 tal-Anness II.”;

(3) Fl-Artikolu 9, il-paragrafi 6 u 7 huma sstitwiti b'dan li ġej:

“6. Organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal għajnuna rigward azzjonijiet li huma implimentati fil-livell tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-Istat Membru fejn huma rikonoxxuti. Jekk ikunu membri ta' assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jipprovdu kopja tal-applikazzjoni lill-Istat Membru li fih għandha s-sede tagħha l-assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.

7. Assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi għandha tippreżenta applikazzjoni għal għajnuna rigward azzjonijiet li huma implimentati fil-livell tal-assoċjazzjoni transnazzjonali fl-Istat Membru fejn dik l-assoċjazzjoni għandha l-kwartieri ġenerali tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li m'hemmx riskju ta' finanzjament doppju.”;

(4) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati permezz tal-miżuri ta' promozzjoni u ta' komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet u attivitajiet bl-għan tad-diversifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-swieq tal-frott u tal-ħaxix, kemm jekk daww il-miżuri jkunu jirrigwardaw il-prevenzjoni tal-kriżijiet kif ukoll jekk ikunu jirrigwardaw il-ġestjoni tal-kriżijiet. Daww id-dispożizzjonijiet għandhom jippermettu l-applikazzjoni ta' malajr tal-miżuri jekk dan ikun meħtieġ.

L-għan prinċipali ta' daww il-miżuri għandu jkun it-tiġib tal-kompetittività tal-prodotti kkummerċjalizzati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom fil-każ ta' tfixkil serju fis-suq, telf ta' kunfidenza tal-konsumatur jew problemi oħra relatati.

L-oġġettivi speċifiċi tal-miżuri ta' promozzjoni u komunikazzjoni implimentati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu:

- aktar sensibilizzazzjoni dwar il-kwalità ta' prodotti agrikoli li jipproduċu fl-Unjoni u dwar l-istandards ta' kwalità għoljin li huma applikabbli għall-produzzjoni tagħhom fl-Unjoni;
- żieda fil-kompetittività u l-konsum ta' prodotti agrikoli u ta' ċerti prodotti pproċessati li jipproduċu fl-Unjoni u sensibilizzazzjoni dwar il-kwalità tagħhom kemm fl-Unjoni u kemm barra minnha;
- aktar sensibilizzazzjoni dwar skemi tal-kwalità tal-Unjoni kemm fl-Unjoni u kemm barra minnha;
- żieda fis-sehem mis-suq tal-prodotti agrikoli u ta' ċerti prodotti pproċessati li jipproduċu fl-Unjoni, b'fokus speċifiku fuq daww is-swieq f'pajjiżi terzi li għandhom l-oġġla potenzjal ta' tkabbir; u
- kontribuzzjoni għall-irkupru ta' kundizzjonijiet normali tas-suq fis-suq tal-Unjoni f'każ ta' tfixkil serju tas-suq, telf tal-fiduċja tal-konsumatur jew problemi relatati oħra.”;

(5) Il-Kapitolu III huwa mħassar;

(6) L-Artikolu 21 hu ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 21

It-tagħrif u r-rapporti annwali minn gruppi ta' produttori, organizzazzjonijiet tal-produttori u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produttori u r-rapporti annwali mill-Istati Membri

Fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, il-gruppi produttori msawra skont l-Artikolu 125e tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-organizzazzjonijiet tal-produttori rikonoxxuti, l-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produttori, l-assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produttori u gruppi produttori għandhom jipprovdu kwalunkwe tagħrif rilevanti meħtieġ sabiex jifassal ir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 54(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891. L-istruttura tar-rapport annwali hija stabbilita fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġbru tagħrif dwar l-għadd ta' membri, il-volum u l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' organizzazzjonijiet tal-produttori li ma jkunux issottomettew programmi operattivi. L-organizzazzjonijiet tal-produttori u l-gruppi produttori msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandhom jintalbu jipprovdu tagħrif dwar l-għadd ta' membri, il-volum u l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata.”;

(7) Fl-Artikolu 33, il-paragrafi 3 u 4 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“3. L-Istat Membru li fih għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha l-assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produttori għandu:

(a) jkollu r-responsabbiltà totali għall-organizzazzjoni ta' kontrolli fir-rigward tal-azzjonijiet tal-programm operattiv implimentati fil-livell tal-assoċjazzjoni transnazzjonali u tal-fond operattiv tal-assoċjazzjoni transnazzjonali, kif ukoll għall-applikazzjoni ta' penali amministrattivi meta tali kontrolli juru li l-obbligi ma ġewx issodisfati, u

(b) jiżgura l-koordinazzjoni ta' kontrolli u pagamenti fir-rigward tal-azzjonijiet tal-programm operattiv tal-assoċjazzjoni transnazzjonali li huma implimentati barra t-territorju tal-Istat Membru fejn hemm l-uffiċċju prinċipali.

4. L-azzjonijiet tal-programmi operattivi għandhom ikunu konformi mar-regoli nazzjonali u mal-istrategġja nazzjonali tal-Istat Membru fejn, f'konformità mal-Artikolu 9, paragrafi 6 u 7, l-applikazzjoni għall-għajnuna tiġi sottomessa.

Madanakollu, miżuri ambjentali u fitosanitarji u miżuri ta' prevenzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet se jkunu soġġetti għar-regoli tal-Istat Membru fejn dawn il-miżuri u l-azzjonijiet jitwettqu fil-verità.”;

(8) Fl-Artikolu 39, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Jista' jiġi applikat dazju tal-importazzjoni addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-prodotti u matul il-perjodi elenkati fl-Anness VII għal dan ir-Regolament. Dak id-dazju tal-importazzjoni addizzjonali għandu japplika jekk il-kwantità ta' kwalunkwe wieħed mill-prodotti mpoġġja fiċ-ċirkolazzjoni libera għal kwalunkwe wieħed mill-perjodi ta' applikazzjoni stabbiliti f'dak l-Anness taqbeż il-volum tal-iskattar għal dak il-prodott, sakemm mhuwiex improbabbli li l-importazzjonijiet ifixxlu s-suq tal-Unjoni, jew l-effetti tad-dazju tal-importazzjoni addizzjonali jkunu sproporzjonati għall-oġġettiv maħsub.”;

(9) L-Annessi I u II huma ssostitwiti bit-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 606/2009

Fir-Regolament (KE) Nru 606/2009 jiżdied l-Artikolu 12a ġdid li ġej:

“Artikolu 12a

Notifiki tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jippermettu żieda fil-qawwa alkoħolika naturali

1. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-possibbiltà li jippermettu żieda fil-qawwa alkoħolika naturali skont il-volum skont il-Punt 3 tat-Taqsima A ta' Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan qabel jadottaw id-deċiżjoni. Fin-notifika l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-perċentwali li bihom żdiedu l-limiti stabbiliti f'Punt 2 tat-Taqsima A ta' Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ir-reġjuni u l-varjetajiet ikkonċernati bid-deċiżjoni u għandhom jissottomettu data u evidenza li turi l-kundizzjonijiet klimatiċi b'mod eċċezzjonali ma kinux favorevoli fir-reġjuni kkonċernati.

2. Din in-notifika għandha ssir skont ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 (*) u skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185 (**).

3. Din in-notifika għandha tiġi kkomunikata mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħrajn permezz ta' sistema ta' informazzjoni li tpoġġiet fis-seħħ mill-Kummissjoni.

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni u dokumenti (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 100).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113).".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Madanakollu, il-punti (5), (6) u (9) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

“ANNEX I

Struttura u kontenut ta' strateġija nazzjonali għall-programmi operattivi sostenibbli msemmija fl-Artikolu 2

1. Tul taż-żmien tal-istrateġija nazzjonali

Għandu jkun indikat mill-Istat Membru.

2. Analiżi tas-sitwazzjoni f'termini tal-punti pożittivi u negattivi u l-potenzjal għall-iżvilupp, l-istrateġija magħżula sabiex dawn jintlaħqu u l-ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet magħżula kif imsemmi fl-Artikolu 36(2)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2.1. Analiżi tas-sitwazzjoni

Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tas-settur tal-frott u l-ħxejjex bl-użu ta' dejta kwantifikata, filwaqt li tenfasizza l-punti pożittivi u negattivi, id-disparitajiet, il-ħtiġijiet u l-lakuni u l-potenzjal għall-iżvilupp abbażi tal-indikaturi rilevanti stabbiliti fit-Tabella 4.1 tal-Anness II. Din id-deskrizzjoni għandha tikkonċerna tal-inqas:

- il-prestazzjonijiet tas-settur tal-frott u l-ħxejjex: il-punti pożittivi u negattivi tas-settur, il-kompetittività u l-potenzjal għall-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi;
- l-effetti ambjentali (impatti, pressjonijiet u benefiċċji) tal-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex, inklużi xejriet ewlenin.

2.2. L-istrateġija magħżula sabiex jintlaħqu l-punti pożittivi u negattivi

Deskrizzjoni tal-oqsma ewlenin fejn l-intervent huwa mistenni li jgħib il-valur miżjud massimu:

- ir-rilevanza tal-oġettivi stabbiliti għall-programmi operattivi, tar-riżultati mistennija u kemm dawn jistgħu jinkisbu b'mod realistiku;
- il-koerenza interna tal-istrateġija, l-eżistenza ta' interazzjonijiet li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u l-kunflitti jew il-kontradizzjonijiet possibbli bejn l-oġettivi operattivi tal-azzjonijiet differenti magħżula;
- il-kumplimentarjetà u l-konsistenza tal-azzjonijiet magħżula ma' azzjonijiet nazzjonali jew reġjonali oħrajn, u mal-attivitajiet appoġġjati permezz ta' fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-programmi tal-iżvilupp rurali u l-promozzjoni;
- ir-riżultati u impatt mistennija mqabbla mas-sitwazzjoni bażika u l-kontribuzzjoni tagħhom lejn l-oġettivi tal-Unjoni.

2.3. L-impatt mill-istrateġija nazzjonali preċedenti (fejn applikabbli)

Deskrizzjoni tar-riżultati u tal-impatt tal-programmi operattivi implimentati fil-passat riċenti.

3. L-oġettivi tal-programmi operattivi u tal-indikaturi tal-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 36(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1308/2013

Deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet magħżula bħala eliġibbli għall-appoġġ (lista mhux eżawrjenti), l-oġettivi segwiti, il-miri verifikabbli u l-indikaturi li jippermettu l-progress lejn il-kisba tal-oġettivi, l-effiċjenza u l-effettività li jridu jiġu vvalutati.

3.1. Rekwiżiti li jikkonċernaw it-tipi ta' azzjonijiet kollha jew diversi minnhom

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet kollha inklużi fl-istrateġija nazzjonali u fil-qafas nazzjonali jkunu verifikabbli u kontrollabbli. Meta l-valutazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi tiżvela li r-rekwiżiti tal-verifikabbiltà u tal-kontrollabbiltà ma jiġux issodisfati, l-azzjonijiet ikkonċernati għandhom jiġu aġġustati kif xieraq jew inkella jitħassru. Meta l-appoġġ jingħata fuq il-bażi tar-rati fissi standard jew l-iskali ta' spejjeż għal kull unità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti jkunu adegwati u preċiżi u stabbiliti minn qabel abbażi ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli. L-azzjonijiet ambjentali għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

L-Istati Membri għandhom jadottaw salvagwardji, dispożizzjonijiet u kontrolli sabiex jiżguraw li l-azzjonijiet magħżula bħala eliġibbli għall-appoġġ ma jkunux appoġġjati wkoll minn strumenti rilevanti oħrajn tal-politika agrikola komuni, b'mod partikolari minn programmi tal-iżvilupp u l-promozzjoni rurali jew minn skemi nazzjonali jew reġjonali oħrajn. Salvagwardji effettivi fis-seħħ skont l-Artikolu 33(6) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, sabiex jipproteġu l-ambjent minn pressjonijiet akbar possibbli li ġejjin minn investimenti appoġġjati taħt il-programmi operattivi u kriterji tal-eliġibbiltà adottati skont l-Artikolu 36(1) ta' dak ir-Regolament, sabiex jiżguraw li l-investimenti fuq azjendi individwali appoġġjati taħt il-programmi operattivi jirrispettaw l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 191 tat-TFUE u fis-seba' programm ta' azzjoni ambjentali tal-Unjoni.

3.2. Tagħrif speċifiku meħtieġ għat-tipi ta' azzjonijiet immirati lejn il-kisba tal-oġettivi stabbiliti jew imsemmija fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (irid jimtela biss għat-tipi ta' azzjonijiet magħżula).

3.2.1. Akkwist ta' assi fissi

- tipi ta' investimenti eliġibbli għall-appoġġ,
- forum oħrajn ta' akkwist eliġibbli għall-appoġġ, pereżempju; kera, lokazzjoni,
- dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-appoġġ.

3.2.2. Azzjonijiet oħra

- deskrizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli għall-appoġġ,
- dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-appoġġ.

4. Ħatra tal-awtoritajiet kompetenti u tal-korpi responsabbli

Ħatra mill-Istat Membru tal-awtorità nazzjonali responsabbli mill-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġija nazzjonali.

5. Deskrizzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

L-indikaturi tal-prestazzjoni stabbiliti mill-istrateġija nazzjonali għandhom jinkludu l-indikaturi previsti fl-Artikolu 4 u elenkati fit-Tabella 4.1 tal-Anness II. Fejn ikun meqjus bħala xieraq, l-istrateġija nazzjonali għandha tispeċifika indikaturi addizzjonali li jkunu jirriflettu l-ħtiġijiet reġjonali jew nazzjonali, il-kundizzjonijiet u l-oġettivi speċifiċi għall-programmi operattivi nazzjonali.

5.1. Valutazzjoni tal-programmi operattivi u tal-obbligi tar-rapportar għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi msemmija fl-Artikolu 36(2)(d) u (e) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Deskrizzjoni tar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fir-rigward tal-programmi operattivi, inklużi l-obbligi tar-rapportar għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

5.2. Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-istrateġija nazzjonali

Deskrizzjoni tar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fir-rigward tal-istrateġija nazzjonali.

ANNEX II

Rapport Annwali Parti A

STRUTTURA TAR-RAPPORT ANNWALI – PARTI A

Dawn il-formoli jikkostitwixxu l-parti A tar-rapport annwali li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma meħtieġa jibagħtu kull sena lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara is-sena kalendarja koperta mir-rapport.

Dawn il-formoli huma bbażati fuq l-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 54(b) u fl-Anness V tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati.

1. Tagħrif amministrattiv

Tabella 1.1.	Tibdil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali adottat sabiex tiġi implimentata t-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tat-Titolu I u t-Taqsimiet 1, 2 u 3 tal-Kapitolu III tat-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (fis-settur tal-frott u l-ħxejjex)
Tabella 1.2.	Tibdil relatat mal-istrateġija nazzjonali għal programmi operattivi sostenibbli applikabbli għal programmi operattivi

2. Informazzjoni dwar organizzazzjonijiet tal-produtturi, organizzazzjonijiet transnazzjonali tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u gruppi produtturi

Tabella 2.1.	Organizzazzjonijiet tal-produtturi
Tabella 2.2.	Organizzazzjonijiet transnazzjonali tal-produtturi
Tabella 2.3.	Assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi
Tabella 2.4.	Assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi
Tabella 2.5.	Gruppi tal-produtturi

3. Tagħrif relatat mal-infiq

Tabella 3.1.	Infiq relatat ma' organizzazzjonijiet tal-produtturi, organizzazzjonijiet transnazzjonali tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi
Tabella 3.2.	Infiq totali tal-programmi operattivi għal organizzazzjonijiet tal-produtturi, organizzazzjonijiet transnazzjonali tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi
Tabella 3.3.	Infiq totali għal gruppi produtturi
Tabella 3.4.	Irtirar

4. Monitoraġġ ta' programmi operattivi/pjanijiet ta' rikonossiment

Tabella 4.1.	Indikaturi fir-rigward ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet transnazzjonali tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u assoċjazzjonijiet transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi
Tabella 4.2.	Indikaturi fir-rigward ta' gruppi produtturi

Noti ta' Spjegazzjoni**Abbrevjazzjonijiet**

Organizzazzjoni komuni tas-swieq	OKS
Grupp produttur	GP
Organizzazzjoni tal-produtturi	OP
Organizzazzjoni transnazzjonali tal-produtturi	OTP
Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi	AOP
Assoċjazzjoni transnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi	ATOP

Fond operattiv	FO
Programm operattiv	PO
Il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata	VPK
Stat Membru	SM

Kodiċijiet tal-pajjiż

